II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 810/2014

**tal-25 ta' Lulju 2014**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdagħjfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdagħjfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill jikkunsidra li għandhom jiżdiedu persuni fiżiċi u ġuridiċi addizzjonali mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 269/2014.

(3) L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jinżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

---

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

*ANNESS*

**LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1**

I. Individwi

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Mikhail Efimovich FRADKOV<br>Михаил Ефимович Фрадков | Twieled fl-1.9.1950 f'Kurumoch, reġjun ta' Kuibyshev | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 2. | Nikolai Platonovich PATRUSHEV<br>Николай Платонович Патрушев | Twieled fil-11.7.1951 f'Leningrad (St Petersburg) | Membru permanent u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 3. | Aleksandr Vasilievich BORTNIKOV<br>Александр Васильевич Бортников | Twieled fil-15.11.1951 f'Perm | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa; Direttur tas-Servizz Federali ta' Sigurtà (FSB). Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 4. | Rashid Gumarovich NURGALIEV<br>Рашид Гумарович Нургалиев | Twieled fit-8.10.1956 f'Zhetikara, Repubblika Soċjalista Sovjetika Kazaka | Membru permanenti u Viċi Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 5. | Boris Vyacheslavovich GRYZLOV<br>Борис Вячеславович Грызлов | Twieled fil-15.12.1950 fi Vladivostok | Membru permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, li jipprovdi pariri dwar u jikkoordina l-affarijiet ta' sigurtà nazzjonali, huwa kien involut fit-tfassil tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 6. | Sergei Orestovoch BESEDA<br>Сергей Орестович Беседа | 1954 | Kmandant tal-Ħames Servizz tal-FSB, is-Servizz Federali ta' Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.<br>Bħala uffiċjali għoli tal-FSB, huwa jmexxi servizz responsabbli li jissorvelja l-operazzjonijiet ta' intelligence u l-attività internazzjonali. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 7. | Mikhail Vladimirovich DEGTYAREV<br>Михаил Владимирович Дегтярёв | Twieled fl-10.7.1981 f'Kuibyshev (Samara) | Membru tad-Duma tal-Istat.<br>Fit-23.5.2014 huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata de facto" tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika Popolari ta' Donetsk" f'Moska, huwa jikkontribwixxi għad-dgħajfien jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 8. | Ramzan Akhmadovitch KADYROV<br>Рамзан Ахматович Кадыров | Twieled fil-5.10.1976 fi Tsentaroy. | President tar-Repubblika taċ-Ċeċnja. Kadyrov għamel dikjarazzjonijiet b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u b'appoġġ għar-ribelljoni armata fl-Ukraina. Fl-14 ta' Ġunju 2014 huwa ddikjara fost affarijiet oħra li hu "ser jagħmel minn kollox biex jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-Krimea". F'dak il-kuntest, huwa ingħata l-medalja għal-"liberazzjoni tal-Krimea" mill-Aġent Kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. Barra minn hekk, fl-1 ta' Ġunju 2014 huwa qal li huwa lest jibgħat 74 000 voluntier Ċeċen fl-Ukraina jekk jintalab jagħmel dan. | 25.7.2014 |
| 9. | Alexander Nikolayevich TKACHYOV<br>АЛЕКСАНДР НИКОЛАЕВИЧ ТКАЧЁВ | Twieled fit-23.12.1960 fi Vyselki. | Gvernatur tal-Krasnodar Krai.<br>Ingħata l-medalja "għal-liberazzjoni tal-Krimea" mill-Aġent kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea għall-appoġġ li pprovda lill-annessjoni illegali tal-Krimea. F'dik l-okkażjoni, l-Aġent Kap tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea qal li Tkachyov kien minn tal-ewwel li esprimew l-appoġġ tagħhom għat-"tmexxija" l-ġdida tal-Krimea. | 25.7.2014 |
| 10. | Pavel GUBAREV<br>Павел Юрьевич Губарев | Twieled fl-10.2.1983 f'Sievierodonetsk | Wieħed minn dawk li jiddefinixxu lilhom infushom mexxejja tal-hekk imsejħa "Repubblika popolari ta' Donetsk". Huwa talab l-intervent Russu fl-Ukraina tal-lvant, inkluż permezz tal-iskjerament ta' forzi taż-żamma tal-paċi Russi. Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin, li hu responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Gubarev huwa responsabbli mir-reklutaġġ ta' nies għall-forzi armati tas-separatisti.<br>Responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu bħala l-"gvernatur tal-poplu".<br>Minkejja li ġie arrestat għat-theddid tal-integrità territorjali tal-Ukraina, u sussegwentement inħeles, huwa kompla jilgħab rwol prominenti fl-attivitajiet separatisti, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 11. | Ekaterina GUBAREVA<br>Екатерина Юрьевна Губарева | Twieldet fil-5.7.1983 f'Kakhovka | Fil-kapaċità tagħha tal-hekk imsejjaħ "Ministru tal-Affarijiet Barranin" hija responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk", u għaldaqstant iddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.<br>Barra minn hekk, il-kont tal-bank tagħha huwa użat biex jiffinanzja gruppi separatisti illegali armati.<br>Billi ħadet u aġixxiet f'din il-kapaċità għalhekk hija appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 12. | Fedor BEREZIN<br>Фёдор Дмитриевич Березин | Twieled fis-7.2.1960 f'Donetsk | L-hekk imsejjaħ "viċi ministru tad-difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk". Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin, l-hekk imsejjaħ "ministru tad-difiża" tal-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk", li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Billi ħa u aġixxa f'din il-kapaċità Berezin għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 13. | Valery Vladimirovich KAUROV<br>Валерий Владимирович Кауров | Twieled fit-2.4.1956 f'Odessa | L-hekk imsejjaħ "president" tal-hekk imsejħa "Repubblika ta' Novorossiya" li appella lir-Russja biex tiskjera truppi fl-Ukraina. Billi ħa u aġixxa f'din il-kapaċità huwa għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 14. | Serhii Anatoliyovych ZDRILIUK<br>Сергей Анатольевич Здрылюкv | Twieled fit-23.6.1972 fir-reġjun ta' Vinnytsia | Assistent għoli ta' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Billi ħa u aġixxa f'din il-kapaċità, Zdriliuk għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 15. | Vladimir ANTYUFEYEV<br>Владимир Антюфеев<br>(magħruf ukoll bħala Vladimir SHEVTSOV, Vladimir Iurievici ANTIUFEEV, Vladimir Gheorghievici ALEXANDROV, Vadim Gheorghievici SHEVTSOV) | Twieled fid-19.2.1951 f'Novosibirsk | Ex-"Ministru tas-Sigurtà tal-Istat" fir-reġjun separatist tat-Transnistrija. Mid-9 ta' Lulju 2014, huwa kien l-ewwel l-ewwel viċi prim ministru tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk, responsabbli għas-sigurtà u l-infurzar tal-liġi. Fil-kapaċità tiegħu, huwa responsabbli għall-attivitajiet "governamentali" tas-separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk". | 25.7.2014 |

II. Entitajiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | L-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Lugansk"<br>"Луганская народная республика"<br>"Luganskaya narodnaya respublika" | Sit elettroniku uffiċjali:<br>http://lugansk-online.info<br>Numru tat-telefon<br>+38-099-160-74-14 | L-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Lugansk" ġiet stabbilita fis-27 ta' April 2014.<br>Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta' Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta' Mejju 2014.<br>Fit-22 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin "Repubbliki Popolari" ta' Donetsk u Lugansk ħolqu l-hekk imsejjaħ "Stat Federali ta' Novorossiya".<br>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukraina, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.<br>Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ tal-"Armata tax-Xlokk" separatista u gruppi separatisti illegali armati oħrajn, u għaldaqstant iddgħajjef l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 2. | L-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk"<br>"Донецкая народная республика"<br>"Donétskaya naródnaya respública" | Informazzjoni uffiċjali, inkluż il-Kostituzzjoni tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk u l-kompożizzjoni tal-Kunsill Suprem<br>http://dnr-news.com/<br>Media soċjali:<br>https://twitter.com/dnrpress<br>http://vk.com/dnrnews | L-hekk imsejħa "Repubblika Popolari ta' Donetsk" ġiet iddikjarata fis-7 ta' April 2014.<br>Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta' Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta' Mejju 2014.<br>Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin "Repubbliki Popolari" ta' Donetsk u Lugansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Stat Federali ta' Novorossiya".<br>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukraina, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.<br>Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ tal- gruppi separatisti illegali armati, u għaldaqstant iddgħajjef l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 3. | L-hekk imsejjaħ "Stat Federali ta' Novorossiya"<br>"Федеративное государство Новороссия"<br>"Federativnoye Gosudarstvo Novorossiya" | Stqarrijiet uffiċjali għall-istampa:<br>http://novorossia.su/official | Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin "Repubbliki Popolari" ta' Donetsk u Lugansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ "Stat Federali ta' Novorossiya" mhux rikonoxxut.<br>Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukraina, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 4. | Unjoni Internazzjonali ta' Assoċjazzjonijiet Pubbliċi "Great Don Army"<br>Международный Союз Общественных Объединений<br>"Всевеликое Войско Донское" | Sit elettroniku uffiċjali:<br>http://vvd2003.narod.ru/<br>Numru tat-telefon:<br>+7-8-908-178-65-57<br>Media soċjali:<br>Gwardja Nazzjonali Kosakka<br>http://vk.com/kazak_nac_guard<br>Indirizz: 346465 Russia Rostov Region. October (C) District. St Zaplavskaya. Str Shosseynaya 1 | Il-"Great Don Army" stabbiliet il-"Gwardja Nazzjonali Kosakka", responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-gvern Ukrain fl-Ukraina tal-Lvant, u għaldaqstant dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina kif ukoll thedded l-istabbilta jew is-sigurtà tal-Ukraina.<br>Assoċjata mas-Sur Nikolay KOZITSYN, li huwa Kmandant tal-forzi Kosakki u responsabbli għat-tmexxija tas-separatisti fl-Ukraina tal-Lvant li qed jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukrain. | 25.7.2014 |
| 5. | "Sobol"<br>"СОБОЛЬ" | Sit elettroniku uffiċjali:<br>http://soboli.net<br>Media soċjali:<br>http://vk.com/sobolipress<br>Numru tat-telefon: (0652) 60-23-93.<br>Posta elettronika:<br>SoboliPress@gmail.com<br>Indirizz: Crimea, Simferopol, str. Kiev, 4 (area bus station "Central"). | Organizzazzjoni paramilitari radikali, responsabbli għall-appoġġ bla ħabi tal-użu tal-forza biex jintemm il-kontroll tal-Ukraina fuq il-Krimea, u għaldaqstant iddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.<br>Responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukrain fl-Ukraina tal-Lvant, u għaldaqstant jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukraina. | 25.7.2014 |
| 6. | L-hekk imsejħa "Gwardja ta' Lugansk"<br>"Луганская гвардия" | Media soċjali:<br>https://vk.com/luguard<br>http://vk.com/club68692201 | Milizzja għall-awtodifiża ta' Lugansk, responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukrain fl-Ukraina tal-Lvant, u għaldaqstant jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukraina.<br>Assoċjata mas-Sur German PROPOKIV, mexxej attiv li huwa responsabbli li ħa parti fit-teħid tal-bini tal-uffiċċju reġjonali ta' Lugansk tas-Servizz tas-Sigurtà Ukrain u rreġistra filmat b'dikjarazzjoni lill-President Putin u r-Russja mill-bini okkupat. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 7. | L-hekk imsejħa "Armata tax-Xlokk"<br>"Армии Юго-Востока" | Reklutaġġ:<br>http://lugansk-online.info/statements<br>Media Soċjali:<br>http://vk.com/luganskbu | Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukraina tal-Lvant.<br>Responsabbli għall-okkupazzjoni tal-bini tas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Lugansk. Uffiċjal irtirat.<br>Assoċjat mas-Sur Valeriy BOLOTOV, elenkat bħala wieħed mill-mexxejja tal-grupp.<br>Assoċjat mas-Sur Vasyl NIKITIN, responsabbli għall-attivitajiet 'governamentali' separatisti tal-hekk imsejjaħ 'gvern tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk' | 25.7.2014 |
| 8. | L-hekk imsejħa "Milizzja Popolari ta' Donbass"<br>"Нарóдное ополчéние Донбáсса" | Media soċjali:<br>http://vk.com/polkdonbassa<br>+38-099-445-63-78;<br>+38-063-688-60-01;<br>+38-067-145-14-99;<br>+38-094-912-96-60;<br>+38-062-213-26-60<br>Posta elettronika:<br>voenkom.dnr@mail.ru<br>mobilisation@novorossia.co<br>Volontarji fuq it-telefon fir-Russja:<br>+7 (926) 428-99-51<br>+7 (967) 171-27-09<br>jew posta elettronika<br>novoross24@mail.ru<br>Indirizz: Donetsk. Prospect Zasyadko.13 | Grupp separatista illegali armat responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-gvern Ukrain fl-Ukraina tal-Lvant, u għaldaqstant jhedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukraina.<br>Fost l-oħrajn, il-grupp militanti ħa l-kontroll ta' diversi binjiet tal-gvern fl-Ukraina tal-Lvant kmieni f'April 2014, u għaldaqstant dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.<br>L-ex mexxej tiegħu, is-Sur Pavel<br>Gubarev, huwa responsabbli għat-teħid tal-bini tal-gvern reġjonali f'Donetsk b'forzi pro-Russi u pproklama lilu nnifsu l-"gvernatur tal-poplu". | 25.7.2014 |
| 9. | "Battaljun Vostok"<br>"батальоны Восток" | Media soċjali:<br>http://vk.com/patriotic_forces_of_donbas | Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukraina tal-Lvant.<br>Responsabbli għall-ġlied kontra l-forzi tal-gvern Ukrain fl-Ukraina tal-Lvant, u għaldaqstant jhedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukraina<br>Ipprova jieħu l-Ajruport ta' Donetsk. | 25.7.2014 |

III. Entitajiet li s-sjieda tagħhom ġiet trasferita kontrarjament għal-liġi Ukraina

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Intrapriża statali tal-vapuri "Kerch ferry"<br>Государственная судоходная компания "Керченская паромная переправа"<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye<br>Kerchenskaya paromnaya pereprava | 16 Tselibernaya Street, 98307 Kerch<br>(Автономная Республика Крым, г. Керчь, ул. Целимберная, 16)<br>kodiċi: 14333981 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Il-"Parlament tal-Krimea" adotta riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 fis-17.3.2014 "Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-ministeri Ukraini tal-infrastruttura jew l-agrikoltura" u l-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1802-6/14 fl-24.3.2014 "Dwar l-Intrapriża ta' sjieda tal-istat tal-vapuri 'Kerch Ferry'" li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-intrapriża statali tal-vapuri tal-passiġġieri "Kerch Ferry" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |
| 2. | Intrapriża Statali<br>"Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol"<br>Государственное предприятие "Севастопольский морской торговый порт"<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye<br>Sevastopolski morskoy torgovy port | 3 Place Nakhimova, 99011 Sevastopol<br>(99011, г. Севастополь, пл. Нахимова, 3)<br>kodiċi: 01125548 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fis-17.3.2014 il-"Parlament tal-Krimea" adotta riżoluzzjoni Nru 1757-6/14"Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-ministeri Ukraini tal-infrastruttura jew l-agrikoltura" li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-intrapriża statali "Port tal-baħar kummerċjali ta' Sevastopol" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. F'termini ta' volum ta' kummerċ, huwa l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. | 25.7.2014 |
| 3. | Intrapriża statali "Port tal-baħar kummerċjali ta' Kerch"<br>Государственное предприятие "Керченский морской торговый порт"<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye<br>Kerchenski morskoy torgovy port | 28 Kirova Str., 98312, Kerch, Autonomous Republic of Crimea,<br>(98312, Автономная Республика Крым, г. Керчь, ул. Кирова, 28)<br>Kodiċi: 01125554 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Il-"Parlament tal-Krimea" adotta riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 fis-17.3.2014 "Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-ministeri Ukraini tal-infrastruttura jew l-agrikoltura" u riżoluzzjoni Nru 1865-6/14 fis-26.3.2014 "Dwar l-Intrapriża ta' Sjieda tal-Istat""Crimean Sea Ports" ("О Государственном предприятии 'Крымские морские порты'") li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-intrapriża statali "Port tal-baħar kummerċjali ta' Kerch" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. F'termini ta' volum ta' kummerċ, huwa t-tieni l-akbar port tal-baħar kummerċjali fil-Krimea. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 4. | Intrapriża statali Universal -Avia<br>Государственном предприятии "Универсал-Авиа"<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye<br>"Universal-Avia" | 5, Aeroflotskaya street, 95024 Simferopol<br>(Аэрофлотская улица, 5, Симферополь г.) | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fl-24.3.2014 il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni "Dwar l-Intrapriża ta' Sjieda tal-Istat "Gosudarstvenoye predpriyatiye Universal-Avia" ("О Государственном предприятии 'Универсал-Авиа')" Nru 1794-6/14 li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-intrapriża statali "Universal-Avia" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |
| 5. | Resort "Nizhnyaya Oreanda"<br>Санаторий "Нижняя Ореанда" | Resort "Nizhnyaya Oreanda", 08655, Yalta, Oreanda<br>(08655, г.Ялта, пгт. Ореанда, Санаторий "Нижняя Ореанда") | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fil-21 ta' Marzu l-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni "Dwar il-kwistjonijiet tal-ħolqien ta' Assoċjazzjoni ta' sanatorji u resorts" Nru 1767-6/14 li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lir-resort "Nizhnyaya Oreanda" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |
| 6. | L-intrapriża tal-Krimea "Impjant tad-distillazzjoni Azov"<br>Крымское республиканское предприятие "Азовский ликероводочный Завод"<br>Azovsky likerovodochny zavod | 40 Zeleznodorozhnaya str., 96178 town of Azov, Jankoysky district<br>Джанкойский район, пгт Азовское, ул. Железнодорожная, 40)<br>code: 01271681 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fid-9 ta' April il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14"Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea" tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14"Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea" li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lil "Azovsky likerovodochny zavod" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |
| 7. | Entità statali "Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' produtturi 'Massandra'"<br>Национальное производственно-аграрное объединение "Массандра"<br>Nacionalnoye proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye Massandra | 6, str. Mira, Massandra 98600 city of Yalta<br>(98600, г. Ялта, пгт Массандра, ул. Мира, д. 6)<br>kodiċi: 00411890 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fid-9 ta' April il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14"Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea" tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14"Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea" li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-entità statali "Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' produtturi 'Massandra'" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' Identifikazzjoni | Raġunijiet | Data ta' elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 8. | "Intrapriża statali Magarach tal-istitut nazzjonali tal-inbid"<br>Государственное предприятие Агрофирма "Магарач" Национального института винограда и вина "Магарач"<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye "Agrofirma Magarach" nacionalnogo instituta vinograda i vina "Magarach" | 9 Chapayeva str., 98433 Vilino, Bakhchisarayski district,<br>(98433, Автономная Республика Крым, Бахчисарайский район, с. Вилино, ул. Чапаева, д. 9)<br>Kodiċi: 31332064 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fid-9 ta' April il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14"Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea" tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14"Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea" li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-entità statali "Gosudarstvenoye predpriyatiye 'Agrofirma Magarach' nacionalnogo instituta vinograda i vina 'Magarach'" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |
| 9. | Intrapriża statali "Fabbrika tal-inbid effervexxenti Novy Svet"<br>Государственное предприятиеЗавод шампанских вин "Новый свет"<br>Gosudarstvenoye predpriyatiye "Zavod shampanskykh vin Novy Svet" | 1 Shalyapina str., 98032 Sudak, Novy Svet<br>(98032, г. Судак, пгт Новый Свет, ул. Шаляпина, д. 1)<br>Kodiċi: 00412665 | Is-sjieda tal-entità ġiet trasferita kontrarjament għall-liġi Ukraina. Fid-9 ta' April il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14"Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea" tas-26 ta' Marzu 2014 Nru 1836-6/14"Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agro-industrijali, li jinsab fit-territorju tar-Repubblika tal-Krimea" li tiddikjara l-approprjazzjoni tal-assi li jappartjenu lill-entità statali "Zavod shampanskykh vin Novy Svet" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija għalhekk effettivament konfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. | 25.7.2014 |